



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Opinjoni 01/2022

(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)

dwar il-proposta tal-
Kummissjoni għal Regolament
dwar l-istatut u l-finanzjament
tal-partiti politiċi Ewropej u
l-fondazzjonijiet politiċi
Ewropej

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	01 - 04
Kummenti ġenerali	05 - 09
Kummenti speċifiċi	10 - 49
Impatt finanzjarju ta' din il-proposta fuq il-baġit tal-UE	10 - 11
Selfiet	12
Kofinanzjament	13 - 15
Riżorsi proprji addizzjonali	16 - 19
Kontribuzzjonijiet	20 - 27
Kontribuzzjonijiet minn barra l-UE	20 - 24
Kontribuzzjonijiet – kummenti oħra	25 - 27
Donazzjonijiet	28 - 29
Obbligi ta' rappurtar	30 - 32
Sanzjonijiet	33 - 38
Finanzjament ta' kampanji ta' referendum	39 - 43
Trasparenza tar-reklamar politiku	44 - 47
Responsabbiltajiet tal-Awtorit� u tal-Parlament Ewropew	48
Simplifikazzjoni tal-qafas legali	49
Anness	
Kontroreferenzi bejn l-artikoli tal-proposta u l-kummenti tagħna	

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej;

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni, li waslet fil-21 ta' Jannar 2022,

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Parlament Ewropew għal opinjoni, li waslet fil-31 ta' Jannar 2022,

Billi:

(1) Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mhumiex korpi stabbiliti mill-Unjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 287(1) TFUE, u b'hekk mhumiex suġġetti għall-awditjar tagħna. Madankollu, sal-punt fejn jirċievu finanzjament mill-baġit tal-UE, aħna kompetenti biex inwettqu awditi bbażati fuq l-eżaminar tar-rekords u żjarat fuq il-post fil-bini tagħhom, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 287 TFUE.

(2) Il-fondi li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jirċievu minn sorsi oħra għajr il-baġit tal-UE mhumiex awtomatikament suġġetti għall-awditjar tagħna. Madankollu, minħabba l-interazzjoni bejn il-finanzjament li jingħata mill-UE u l-finanzjament li jingħata minn sorsi oħra, aħna jista' jkollna b'żonn neżaminaw dan tal-aħħar ukoll matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna.

(3) L-awditi tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li wettaqna mill-2019 u l-2014 identifikaw dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist u talbiet ineliġibbli tal-infiq mill-partiti politiċi Ewropej.

(4) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017 u minn dakinhar 'il hawn ġie emendat darbtejn².

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014.

² Mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018 u mir-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019.

(5) Skont il-klawsola ta' reviżjoni tar-Regolament (l-Artikolu 38) il-Parlament Ewropew³ u l-Kummissjoni Ewropea⁴ ppreżentaw rapporti separati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1141/2014.

(6) Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej⁵ (il-proposta) li se jissostitwixxi r-Regolament Nru 1141/2014.

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

³ Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew (A9-0294/2021) tas-26 ta' Ottubru 2021 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (2021/2018(INI)) segwit mir-Riżoluzzjoni tal-11 ta' Novembru 2021.

⁴ COM(2021) 717 final tat-23.11.2021.

⁵ COM(2021) 734 final, 2021/0375 (COD) tal-25.11.2021.

Introduzzjoni

01 It-Trattat⁶ jipprovdi li l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. Attwalment hemm irreġistrati 10 partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet affiljati⁷.

02 L-ammont totali ta' finanzjament mill-UE disponibbli għall-partiti politiċi Ewropej żdied matul iż-żmien, minn ammont inizjali ta' EUR 6.5 miljun fl-2004⁸ għal EUR 46 miljun fl-2021⁹. Il-finanzjament mogħti lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej żdied minn EUR 5 miljun fl-2008 għal EUR 23 miljun fl-2021. Ir-Regolament attwali jipprovdi li 10 % tal-baġit annwali jitqassam lill-partiti eliġibbli b'mod indaq, filwaqt li d-90 % li jifdal jitqassam approporzjon tal-għadd ta' Membri tal-Parlament Ewropew affiljati ma' partit. Il-finanzjament jitqassam bħala prefinanzjament.

03 L-ammont finali tal-finanzjament jiġi stabbilit wara li awditur estern ikun ħareġ rapport u b'segwitu għal kontrolli mwettqa minn, rispettivament, l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej ("l-Awtorità") u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew. L-infiq eliġibbli jkopri l-laqgħat, il-konferenzi, il-persunal, l-istudji, u l-ispejjeż tal-kampanji għall-elezzjonijiet Ewropej. L-Awtorità tirreġistra l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u tista' timponi sanzjonijiet.

04 Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni¹⁰, il-proposta għandha l-għan li:

- iżżid il-vijabbiltà finanzjarja tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej;
- tiffaċilita l-interazzjonijiet tagħhom mal-partiti membri nazzjonali tagħhom, biex b'hekk il-partiti politiċi Ewropej ikunu jistgħu jipparteċipaw aktar faċilment fil-kampanji nazzjonali dwar suġġetti tal-UE;

⁶ L-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁷ Sors: l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej.

⁸ Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew: Statute and funding of European political parties under Regulation 1141/2014 (Ex-post evaluation), pp. 29-31.

⁹ Baġit tal-Parlament Ewropew għall-2021, p. 46.

¹⁰ COM(2021) 734 final, 2021/0375 (COD) tal-25.11.2021, p. 2.

- tagħlaq il-lakuni li għad fadal fir-rigward tas-sorsi u t-trasparenza tal-finanzjament (b'mod partikolari, id-donazzjonijiet u l-finanzjament minn barra l-UE);
- tnaqqas il-piż amministrattiv eċċessiv;
- iżżid iċ-ċertezza legali;
- tindirizza l-ambjent għdid emerġenti ta' kampanji politiċi online, ir-riskju ta' interferenza barranija, u l-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-reklamar politiku.

Kummenti ġenerali

05 Bħal fl-opinjoni preċedenti tagħna¹¹, u konsistenti mal-mandat tagħna, aħna niffukaw fuq elementi b'impatt potenzjali fuq il-baġit tal-UE, u konsegwentement ma nagħtux opinjoni dwar dawk l-aspetti tal-proposta li jinvolve prinċipalment għażliet politiċi. Minkejja din ir-riżerva importanti, aħna nqisu li l-proposta hija ġeneralment konsistenti mal-oġġettivi ddikjarati prinċipali tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu **04**).

06 Aħna nilqgħu dawn id-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, bħall-mekkaniżmu ta' diliġenza dovuta għal donazzjonijiet.

07 Fl-opinjoni tagħna, madanakollu l-proposta fiha għadd ta' nuqqasijiet dwar kwistjonijiet li jinkludu:

- selfiet (ara l-paragrafu **12**);
- kofinanzjament (ara l-paragrafi **13-15**);
- riżorsi proprji addizzjonali (ara l-paragrafi **16-19**);
- kontribuzzjonijiet mingħand partiti u organizzazzjonijiet membri minn barra l-UE (ara l-paragrafi **20-24**);
- kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet oħra (ara l-paragrafi **25-29**);
- sanzjonijiet (ara l-paragrafi **33-37**);
- finanzjament mingħand partiti politiċi Ewropej għal kampanji ta' referendum nazzjonali (ara l-paragrafi **39-43**), u;
- it-trasparenza tar-reklamar politiku (ara l-paragrafi **44-47**).

08 Aħna nosservaw ukoll li l-proposta tintroduċi obbligi addizzjonali għall-Awtorità, li se jżidu l-komplessità fir-rwol tagħha.

¹¹ Il-QEA ħarġet żewġ opinjonijiet relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej: l-[Opinjoni 1/2013](#) rigward ir-Regolament Nru 1141/2014 u l-[Opinjoni 5/2017](#) rigward ir-Regolament li jemenda tat-3 ta' Mejju 2018.

09 Fit-taqsima li jmiss, nagħmlu kummenti speċifiċi dwar il-proposta. Fil-paragrafi **12**, **37**, u **49**, aħna ntennu s-suġġerimenti preċedenti tagħna li baqgħu ma ġewx indirizzati fil-proposta attwali. L-**Anness** jagħmel kontroreferenzi għal dawn il-kummenti speċifiċi mal-emendi proposti.

Kummenti speċifiċi

Impatt finanzjarju ta' din il-proposta fuq il-baġit tal-UE

10 L-Anness tal-proposta li fih għandu d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva jipprovdi informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet baġitarji għall-Awtorità minħabba l-ispiża mistennija ta' membru tal-persunal addizzjonali. Aħna nosservaw li l-Awtorità għamlet stima ogħla fl-abbozz ta' pjan baġitarju tagħha.

11 Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni għall-proposta jgħid li t-tnaqqis tar-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej jista' jirrikjedi l-konċessjoni ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali u li dan se jkun f'idejn l-awtorità baġitarja biex tiddeċiedi fuq bażi annwali. Aħna nosservaw, għalhekk, li l-implikazzjonijiet baġitarji huma inċerti.

Selfiet

12 Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej kienu qed jieħdu dejjem aktar selfiet biex jilħqu r-rekwiżiti tar-riżorsi proprji¹². Madankollu, filwaqt li s-selfiet huma inklużi fid-definizzjoni ta' "donazzjonijiet" u "kontribuzzjonijiet" taħt l-Artikoli 2(7) u 2(8), ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-oriġini, it-termini u l-kundizzjonijiet tas-selfiet, kif diġà ġie indikat fl-opinjonijiet preċedenti tagħna (ara l-paragrafu 05).

Kofinanzjament

13 L-Artikolu 20(4) tal-proposta jinkludi t-tnaqqis tar-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej mir-riżorsi proprji tagħhom, mir-rata attwali ta' 10 % għal 5 %. Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi rata ta' finanzjament ġdida ta' 0 % mir-riżorsi proprji tagħhom fis-sena tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni tispjega dawn il-bidliet proposti permezz tad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom b'mod partikolari partiti żgħar biex jiksbu finanzjament, u minħabba li tkun qed tallinja r-regoli mar-rati ta' kofinanzjament għall-fondazzjonijiet.

¹² Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew: Statute and funding of European political parties under Regulation 1141/2014 (Ex-post evaluation), p. 39.

14 Aħna nosservaw li l-kofinanzjament mill-baġit tal-UE nżied minn 75 % fl-2004 għal 85 % fl-2007 u għal 90 % mill-2018 'il hawn¹³. Ma nikkumentawx dwar iż-żieda proposta għal 95 % billi din hija kwistjoni ta' deċiżjoni politika. Skont studju reċenti ppreparat għall-Parlament, din iż-żieda tibbilanċja d-diffikultajiet tal-partiti politiċi Ewropej biex jiksbu kofinanzjament u stabbiltà finanzjarja ikbar, mar-riskju li l-istess partiti politiċi Ewropej inaqqsu r-rabtiet diretti diġà dgħajfa mas-soċjetà ċivili u mal-Istati Membri¹⁴.

15 Fl-opinjoni tagħna, il-finanzjament ta' 100 % propost fis-sena tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew mhuwiex koerenti mal-kunċett ta' kofinanzjament, li jfisser li r-riżorsi mhumiex se jiġu pprovduti kollha kemm huma mill-baġit tal-UE. Għalhekk, aħna tal-opinjoni li jenħtieġ li kontribuzzjoni minima tiġi mir-riżorsi proprji tal-partiti politiċi Ewropej taħt id-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, żewġ rati ta' kofinanzjament differenti f'sentejn differenti jistgħu joħolqu kumplessità, b'rabta mar-riporti ta' approprjazzjonijiet mhux użati għas-sena ta' wara.

Riżorsi proprji addizzjonali

16 Bħalissa, is-sorsi ta' dħul tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, barra l-fondi rċevuti mill-baġit tal-UE, huma limitati għal kontribuzzjonijiet jew donazzjonijiet. Fl-Artikoli 2(9) u 23(13) qed tiġi proposta t-tielet kategorija ta' sorsi ta' dħul marbuta mal-attività ekonomika proprja tal-partit jew tal-fondazzjoni, iddefinita bħala "riżorsi proprji". Dawn ir-"riżorsi proprji" ma għandhomx jaqbu 5 % tal-baġit annwali tal-partit jew tal-fondazzjoni.

17 Aħna nqisu li t-terminu "riżorsi proprji" biex jiddefinixxi biss l-introjt addizzjonali ġġenerat mill-attivitajiet ekonomiċi mhuwiex preċiż, billi fil-prattika riżorsi proprji diġà jeżistu (dħul mill-kontribuzzjonijiet u d-donazzjonijiet). Għalhekk aħna nissuġġerixxu li jintuża terminu aktar speċifiku, inkluż fit-titolu tal-Artikolu 23 tal-proposta.

18 L-Artikolu 3(1)(g) tal-proposta jispeċifika li r-reġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew hija kundizzjonali fuq il-fatt li dan ma jkollux skopijiet ta' profitt. Hemm ir-riskju li xi attivitajiet ekonomiċi jstgħu ma jkunux kompatibbli ma' dak l-Artikolu.

¹³ *Ibid.*, p. 34.

¹⁴ Studju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew: Edoardo Bressanelli: "[Towards a revision of the Regulation on the statute and funding of European political parties and foundations](#)", Marzu 2022, p. 52.

Għalhekk, aħna nissuġġerixxu li jiġu elenkati attivitajiet ekonomiċi li se jitqiesu bħala konformi mal-Artikolu 3(1)(g).

19 Nissuġġerixxu li jiġu inklużi dispożizzjonijiet biex jiġi evitat ir-riskju li dawn ir-riżorsi proprji addizzjonali jinġabru sabiex jiġu evitati r-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet u d-donazzjonijiet, b'mod partikolari dawk relatati mal-ammonti massimi u l-orijini tal-fondi, kif inhu speċifikat fl-Artikolu 23 tal-proposta.

Kontribuzzjonijiet

Kontribuzzjonijiet minn barra l-UE

20 Ir-Regolament attwali ma jippermettix li l-partiti politiċi Ewropej jiġbru kontribuzzjonijiet minn partiti membri li s-sede tagħhom tkun barra mill-Unjoni Ewropea, kif spjegat fil-paragrafu **24**.

21 L-Artikoli 23(9) u 23(10) tal-proposta jkunu jippermettu li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jiġbru kontribuzzjonijiet minn partiti membri jew organizzazzjonijiet membri li jinsabu f'pajjiżi li jagħmlu parti mill-Kunsill tal-Ewropa. Dawn il-kontribuzzjonijiet ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali biex jiġi limitat ir-riskju ta' interferenza barranija. Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet ma għandux jeċċedi l-40 % tal-baġit annwali ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea. Skont il-Kummissjoni, l-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' membri antiki li jikkondividu l-valuri tal-UE. B'segwitu għall-Brexit, il-Parlament Ewropew innota li hemm ħtieġa akbar li jiġu riveduti l-kategoriji differenti ta' sħubija fil-partiti u l-ġbir ta' miżati tas-sħubija¹⁵. Il-partiti membri mir-Renju Unit issa huma meqjusa bħala membri minn pajjiżi terzi u ma jitħallewx jipprovdu kontribuzzjonijiet taħt il-qafas legali attwali.

22 L-Anness I għall-proposta jkun jirrikjedi li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jissottomettu dikjarazzjoni fejn jgħidu li huma impenjati li jiżguraw li l-partiti jew il-fondazzjonijiet membri tagħhom josservaw il-valuri

¹⁵ Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew (A9-0294/2021) tas-26 ta' Ottubru 2021 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (2021/2018(INI)), il-punt 18, segwit mir-Riżoluzzjoni tal-11 ta' Novembru 2021.

speċifikati fl-Artikolu 2 tat-TUE¹⁶ (membri minn pajjiżi tal-UE) jew valuri ekwivalenti (membri minn pajjiżi mhux tal-UE). Dan l-impenn ikun isir ukoll kundizzjoni addizzjonali għar-reġistrazzjoni fl-Artikolu 3(1)(e) u l-Artikolu 3(2)(d).

23 Fil-fehma tagħna, il-proposta ma fihix miżuri biex jiġi mmitigat b'mod adegwat ir-riskju ta' interferenza barranija fil-partiti politiċi Ewropej minn membri li jipprovdu kontribuzzjonijiet u li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiżi li jappartjenu għall-Kunsill tal-Ewropa, u barra mit-territorju tal-UE. Fil-prattika, ikun diffiċli jiġi żgurat li dawn il-membri josservaw il-valuri ekwivalenti msemmija fl-Anness I għal din il-proposta, billi t-terminu użat huwa wiesa' ħafna u mingħajr definizzjoni ċara. Aħna nosservaw ukoll li l-awtorizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet li jkunu ġejjin minn barra l-UE mhijiex konsistenti ma' regola oħra li tipprojbixxi d-donazzjonijiet mingħand entitajiet ibbażati f'pajjiżi terzi jew mingħand individwi minn pajjiżi terzi li mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (ara l-Artikolu 23(6) tal-proposta).

24 Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta jirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2020 fil-Kawża T-107/19¹⁷, li kkonfermat li partit barra mit-territorju tal-UE ma kienx jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "partit politiku" tar-Regolament billi ma kienx assoċjazzjoni ta' ċittadini (tal-Unjoni) u mhuwiex rikonossut minn, jew stabbilit f'konformità ma', l-ordni legali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed. Id-definizzjoni ta' partit politiku fl-Artikolu 2(1) tal-proposta baqgħet ma nbidlitx. Aħna nqisu li skont il-Kawża T-107/19, il-kontribuzzjonijiet minn partiti membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiżi mhux tal-UE xorta waħda jistgħu jiġu interpretati bħala pprojbiti.

Kontribuzzjonijiet – kummenti oħra

25 Fl-interess tat-trasparenza, aħna tal-opinjoni li jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet irċevuti mingħand membri individwali (persuni fiżiċi) ta' partit jew fondazzjoni politika Ewropea ssir pubblika bl-istess mod li l-kontribuzzjonijiet irċevuti mingħand partiti jew organizzazzjonijiet membri huma pubbliċi. Għalhekk aħna nissuġġerixxu li tiddaħħal referenza għall-Artikolu 23(11) fl-Artikolu 36(1)(f) tal-proposta, b'rispett dovut għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

¹⁶ Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

¹⁷ Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2020 fil-Kawża T-107/19.

26 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(11) jgħid li l-limitu massimu ta' EUR 18 000 fis-sena u għal kull membru, fuq kontribuzzjonijiet mingħand membri individwali ma għandux japplika meta l-membru kkonċernat ikun ukoll membru elett tal-Parlament Ewropew, ta' parlament nazzjonali jew ta' parlament reġjonali jew assemblea reġjonali. Aħna nissuġġerixxu li jitħassar it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(11), fl-interess ta' trattament indaqs.

27 Fil-fehma tagħna, hemm żball ta' abbozzar fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(11), li jenħtieġ li jirreferi għall-paragrafi 9 u 10, u mhux għall-paragrafi 8 u 9.

Donazzjonijiet

28 L-Artikolu 23(5) tal-proposta jipprovdi li għad-donazzjonijiet kollha li l-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 3 000, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu lid-donaturi biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tagħhom, u li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha. L-Artikolu 23(8) jispeċifika li l-Awtorità tista' titlob informazzjoni addizzjonali biex tagħmel verifiki fuq donazzjonijiet meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ingħatat bi ksur tar-Regolament. Skont l-Artikolu 23(3), fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, id-donazzjonijiet u nfiq korrispondenti għandhom ikunu rrapportati kull ġimgħa. Aħna nilqgħu dawn id-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza tad-donazzjonijiet.

29 Nosservaw li l-Artikolu 23(6) jispeċifika li donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet anonimi ma għandhomx jiġu aċċettati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. L-istabbiliment ta' soll ta' EUR 3 000 għall-identifikazzjoni tad-donaturi fl-Artikolu 23(5) huwa inkonsistenti ma' din il-projbizzjoni ta' anonimità.

Obbligi ta' rappurtar

30 Attwalment, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom obbligu ta' rappurtar biex jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom flimkien ma' noti li jakkumpanjawhom, f'konformità mal-liġi applikabbli fl-Istat Membru li fih ikollhom is-sede tagħhom, u anke fuq il-bażi ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà. L-Artikolu 26(1) tal-proposta jneħħi l-obbligu

ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji abbażi ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà sabiex jissimplifika l-piż amministrattiv u jnaqqas l-ispejjeż.

31 Aħna nosservaw li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni għall-Parlament Ewropew biex iwettaq kontrolli xierqa, li l-kontijiet tagħhom jiġu awditjati minn awditur estern, u li l-Awtorità tipprovdi lhom mudelli standard biex jagħtu informazzjoni dwar donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet.

32 Aħna naqblu mal-Artikolu 26(1)(a) propost, li se jnaqqas il-piż amministrattiv iżda niġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' kontrolli li għad għandhom ċerta importanza, biex jonqsu r-riskji finanzjarji għall-baġit tal-UE. Fil-passat reċenti, irrappurtajna dwar id-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku u l-infiq ineliġibbli ddikjarat mill-partiti politiċi Ewropej¹⁸, li jeħtieġ aktar attenzjoni u li jġiegħlna nqisu tali infiq bħala riskju għoli.

Sanzjonijiet

33 L-Artikolu 30(4)(a) tal-proposta jispeċifika li s-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti bħala “perċentwali fiss” tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea f'każijiet ta' ksur mhux kwantifikabbli. Fl-Artikolu 30(4)(a), il-punti (i) sa (iv), il-proposta tintroduċi firxa ta' perċentwali, mingħajr ma tiddefinixxi aktar ir-regoli applikabbli. Aħna tal-fehma li hemm inkonsistenza bejn il-kunċetti ta' perċentwali fiss u ta' firxa ta' perċentwali fi ħdan l-istess Artikolu.

34 L-Artikolu 21(4) jkun jirrikjedi li l-partiti politiċi Ewropej juru li l-partiti membri tagħhom “kontinwament” ippubblikaw fis-siti web tagħhom informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-kandidati fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dwar l-evoluzzjoni tar-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tagħhom tal-Parlament Ewropew. L-Artikolu 30(2)(a)(ix) tal-proposta jintroduċi sanzjonijiet għannuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu msemmi hawn fuq. Aħna nissuġġerixxu li tissawwar definizzjoni aħjar tal-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri billi l-kelma “kontinwament” mhijiex ċara dwar kemm irid ikun frekwenti l-aġġornament ta' din l-informazzjoni.

35 Fl-Artikolu 30(2)(a)(vi) tal-proposta, il-Kummissjoni tipproponi li tħassar id-dispożizzjonijiet inklużi fir-Regolament attwali li jippermettu li l-Awtorità timponi sanzjonijiet b'segwitu għal ineżattezzi identifikati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji

¹⁸ Ara l-paragrafu 9.8 tar-[Rapport Annwali 2019 tal-QEA](#) u l-paragrafu 9.11 tar-[Rapport Annwali 2014](#).

annwali mill-korpi awtorizzati biex jawditjaw jew iwettqu kontrolli fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li nifhmu li dawn id-dispożizzjonijiet tħassru bil-ħsieb tat-tneħħija tal-obbligu ta' pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali abbażi tal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, aħna nqisu li dan ikun jillimita l-impatt tal-awditi. Għalhekk nissuġġerixxu li tinżamm il-possibbiltà għall-Awtorità li timponi sanzjonijiet b'segwitu għal ineżattezzi identifikati mill-korpi tal-awditjar, inkluż fejn dawn jikkonċernaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ppreżentati skont il-liġi applikabbli fl-Istat Membru fejn il-partiti politiċi Ewropej jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikollhom is-sede tagħhom.

36 L-Artikolu 30 propost dwar is-sanzjonijiet jispeċifika żewġ approċċi differenti f'każ li partit jew fondazzjoni jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju.

- L-Artikolu 30(1)(a) – l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni;
- L-Artikolu 30(2)(a)(v) – għal ksur mhux kwantifikabbli l-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji li huma ddefiniti f'aktar dettall fl-Artikolu 30(4)(a)(vi) bħal 50 % tal-baġit annwali tas-sena preċedenti tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.

Fil-fehma tagħna, jenħtieġ li l-proposta tikkjarifika jekk dawn is-sanzjonijiet humiex kumulattivi.

37 Is-sanzjonijiet għal ksur kwantifikabbli (bħal ksur minħabba somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati) għadhom limitati għal 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea (l-Artikolu 30(4)(b) tal-proposta), għalkemm aħna konna ssuġġerejna li dan il-limitu massimu jiġi eliminat fl-opinjonijiet preċedenti tagħna.

38 Il-proposta telimina l-perjodu ta' tliet xhur bejn deċiżjoni ta' dereġistrazzjoni mill-Awtorità ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea u d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni. Skont l-Artikolu 11(5), id-deċiżjoni għandha tiegħu effett man-notifika. Aħna naqblu li din l-emenda tikkontribwixxi għal protezzjoni aktar b'saħħitha tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Finanzjament ta' kampanji ta' referendum

39 Il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej jista' jintuża biex jifinanzja kampanji mmexxija mill-partiti politiċi Ewropej fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li fihom ikunu qed jipparteċipaw huma jew il-membri tagħhom. Ir-regoli attwali ma jippermettux li jiġu ffinanzjati (b'mod dirett jew indirett) partiti oħra, u b'mod partikolari partiti politiċi nazzjonali u kampanji ta' referendum minn partiti politiċi Ewropej. L-Artikolu 24(2) tal-proposta jintroduċi l-possibbiltà tal-finanzjament ta' kampanji ta' referendum, jekk ikunu jikkonċernaw "l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni".

40 Il-partiti politiċi nazzjonali normalment jieħdu sehem attiv fil-kampanji ta' referendum. Fl-opinjoni tagħna, ikun diffiċli li ssir distinzjoni bejn il-finanzjament ta' kampanji ta' referendum u l-finanzjament indirett għall-partiti nazzjonali (biex ikopri l-ispejjeż li dawk il-partiti nazzjonali jkollhom jonfqu altrimenti għall-kampanji). Il-finanzjament indirett tal-partiti nazzjonali għadu pprojbit mill-Artikolu 25 tal-proposta.

41 Barra minn hekk, it-terminu "l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni" mhuwiex preċiż ħafna u, fil-prattika, diffiċli jiġi determinat liema huma l-kampanji ta' referendum partikolari eliġibbli għall-finanzjament.

42 Ir-referenda organizzati fuq il-livell nazzjonali huma regolati mid-dritt tal-Istati Membri. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-finanzjament tal-partiti nazzjonali jew tal-kampanji politiċi minn barra l-pajjiż mhuwiex permess¹⁹.

43 Għalhekk aħna nqisu li minħabba d-diffikultajiet biex tiġi kkontrollata l-eliġibbiltà tal-infiq propost mill-Artikolu 24(2), ma jkunx rakkommandabbli li l-kampanji ta' referendum nazzjonali jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati mill-partiti politiċi Ewropej.

Trasparenza tar-reklamar politiku

44 L-Artikolu 5 tal-proposta jintroduċi l-obbligu għall-partiti politiċi Ewropej li jstabbilixxu politika għall-użu ta' reklamar politiku. Barra minn hekk, il-partiti politiċi Ewropej se jkunu meħtieġa jittrażmettu lill-Awtorità informazzjoni dwar kull riklam politiku, li għandha tiġi ppubblikata mill-Awtorità fir-repożitorju. L-Istati Membri se

¹⁹ Id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż huma pprojbiti fi 22 minn 27 Stat Membru; Sors: Studju mitlub mid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew: [Financing of political structures in EU Member States](#), Ġunju 2021, pp. 17-18.

jkollhom jaħtru awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jissorveljaw il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u jinnotifikaw lill-Awtorità b'dan.

45 Aħna nilqgħu l-għan ta' din il-proposta li huwa li żżid it-trasparenza tar-reklamar politiku. Madankollu nqisu li d-dispożizzjonijiet mhumiex suffiċjentement ċari fl-Artikolu 5(6) tal-proposta, rigward l-involviment tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-kooperazzjoni tagħhom mal-Awtorità. Hemm riskju ta' trikkib tal-kompetenzi, pereżempju rigward il-kontrolli fuq il-politika għar-reklamar politiku u fuq it-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar ir-reklamar politiku. Aħna nissuġġerixxu li jsir rieżaminar tar-responsabbiltajiet ta' kull korp tal-kontroll ikkonċernat.

46 L-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(5) tal-proposta jeħtieġu li l-partiti politiċi Ewropej jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li ġej dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku²⁰ (għadu ma ġiex adottat), b'mod partikolari meta l-partiti politiċi Ewropej jkunu qed jużaw tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali jew meta jkunu involuti ma' servizzi ta' reklamar.

47 Aħna ma nikkummentawx dwar id-dettalji ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li huma proposti f'Regolament ieħor. Madankollu, nieħdu nota tal-fatt li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ħareġ opinjoni²¹ fuq ir-Regolament dwar l-immirar tar-reklamar politiku, fejn jissuġġerixxi projbizzjoni totali fuq il-mikroimmirar għal skopijiet politiċi u l-projbizzjoni tar-reklamar immirat ibbażat fuq traċċar pervażiv.

Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew

48 L-obbligi ta' kontroll huma kondiviżi bejn l-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew. L-Artikolu 32(3) tal-proposta jeħtieġ li huma għandhom regolament jiskambjaw fehmiel u informazzjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li nilqgħu din iż-żieda, aħna nqisu li l-proposta ma tindirizzax suffiċjentement ir-riskji ta' trikkib tar-responsabbiltajiet u l-lakuni fil-kontrolli.

²⁰ COM(2021) 731 final tal-25.11.2021.

²¹ Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ħareġ l-[Opinjoni 2/2022 tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022 fuq il-Proposta għal Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku](#).

- Kompetenzi limitati mogħtija lill-Awtorità: L-Artikolu 28(6) ma jinkludix b’mod espliċitu l-Awtorità bħala korp awtorizzat biex iwettaq il-kontrolli u l-verifiki meħtieġa fil-post.
- Diviżjoni mhux ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-Awtorità u l-Parlament Ewropew: L-Artikolu 34(1) tal-verżjoni bl-Ingliż tal-proposta jgħid li f’każ li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jitneħħa mir-Reġistru, huma għandhom jirkupraw finanzjament mill-Unjoni.
- L-ebda frekwenza speċifika tal-kontrolli: L-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 11(1) jgħidu li l-Awtorità għandha “b’mod regolari” tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni u d-dispożizzjonijiet ta’ governanza jkomplu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati.
- Żewġ korpi għandhom responsabbiltajiet simili għall-kontrolli: L-Artikolu 20(1) jipprovdi fost l-oħrajn li l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal applikazzjonijiet għal finanzjament minn partiti politiċi Ewropej. L-Artikoli 21(3)-(4) jeħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jinkludu dettalji relatati mal-programmi politiċi u l-logos, u r-rappreżentanza tal-ġeneri, mal-applikazzjoni tagħhom għal finanzjament lill-Parlament Ewropew. L-Awtorità għandha d-dritt, skont l-Artikolu 30(2)(a)(viii) u (ix), li timponi sanzjonijiet jekk hija tqis li dawn ir-rekwiżiti ma jiġux osservati.

Simplifikazzjoni tal-qafas legali

49 Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej huma inklużi fil-proposta u fir-Regolament Finanzjarju²². Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-reklamar politiku, li se jiġi rregolat ukoll minn Regolament ġdid dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku²³. Dan ir-Regolament il-ġdid għadu ma ġiex adottat. Aħna ntenu l-opinjoni preċedenti tagħna li t-tnaqqis fl-għadd ta’ testi legali sabiex jiġi evitat trikkib potenzjali tar-regoli jkun jissimplifika l-qafas legali.

²² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

²³ COM(2021) 731 final tal-25.11.2021.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fis-7 ta' April 2022.

Għall-Qorti tal-Awdituri

A handwritten signature in black ink, appearing to read 'k-h se', written in a cursive style.

Klaus-Heiner Lehne

Il-President

Anness

Kontroreferenzi bejn l-artikoli tal-proposta u l-kummenti tagħna

Artikolu tal-proposta	Kumment speċifiku	Paragrafu tal-Opinjoni tal-QEA
2(1)	Kontribuzzjonijiet	24
2(7), 2(8)	Selfiet	12
2(9)	Riżorsi proprji addizzjonali	16
3(1)(e), 3(2)(d)	Kontribuzzjonijiet	22
3(1)(g)	Riżorsi proprji addizzjonali	18
5	Trasparenza tar-reklamar politiku	44
5(1)	Trasparenza tar-reklamar politiku	46
5(5)	Trasparenza tar-reklamar politiku	46
5(6)	Trasparenza tar-reklamar politiku	45
7(2)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
11(1)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
11(5)	Sanzjonijiet	38
20(1)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
20(4)	Kofinanzjament	13
21(3)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
21(4)	Sanzjonijiet/Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	34, 48
23	Riżorsi proprji addizzjonali	17, 19
23(3)	Donazzjonijiet	28
23(5)	Donazzjonijiet	28, 29
23(6)	Kontribuzzjonijiet/Donazzjonijiet	23, 29

Artikolu tal-proposta	Kumment speċifiku	Paragrafu tal-Opinjoni tal-QEA
23(8)	Donazzjonijiet	28
23(9), 23(10)	Kontribuzzjonijiet	21
23(11)	Kontribuzzjonijiet	25, 26, 27
23(13)	Riżorsi proprji addizzjonali	16
24(2)	Finanzjament ta' kampanji ta' referendum	39, 43
25	Finanzjament ta' kampanji ta' referendum	40
26(1)(a)	Obbligi ta' rappurtar	30, 32
28(6)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
30(1)(a), 30(2)(a)(v), 30(4)(a)(vi)	Sanzjonijiet	36
30(2)(a)(vi)	Sanzjonijiet	35
30(2)(a)(viii)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
30(2)(a)(ix)	Sanzjonijiet/Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	34, 48
30(4)(a)	Sanzjonijiet	33
30(4)(b)	Sanzjonijiet	37
32(3)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
34(1)	Responsabbiltajiet tal-Awtorità u tal-Parlament Ewropew	48
36(1)(f)	Kontribuzzjonijiet	25

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-proposta u l-kummenti tagħna.